



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Lulju 2019
(OR. en)

11128/19
ADD 1
LIMITE
PV CONS 40
SOC 546
EMPL 417
SAN 343
CONSOM 203

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)
8 ta' Lulju 2019

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 10669/19

**Rigward il-punt
"A" nru 30:**

**Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-CoP 18 tas-CITES
*Adozzjoni***

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA, IL-BELĠJU, ID-DANIMARKA, IL-LATVJA U L-IŻVEZJA

“L-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Latvja u l-Iżvezja jissottolinjaw l-importanza li jiġu segwiti r-regoli u l-prinċipji tal-ftehimiet internazzjonali li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma parti għalihom.

F’dak ir-rigward, għandna tħassib serju rigward il-linja proposta li tittieħed għall-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta’ Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (kif tinsab fid-dokument 9680/19 u l-Annessi tiegħu).

Inkomplu nissottolinjaw l-importanza kruċjali għall-UE u l-Istati Membri tagħha li jsegwu l-prinċipji tal-Konvenzjoni CITES meta jevalwaw il-proposti, speċjalment il-kriterji għall-elenkar li jinsabu fil-Konferenza ta’ Riżoluzzjoni 9.24 (Rev CoP17). Inkluż it-teħid inkonsiderazzjoni tal-parir xjentifiku l-aktar robust u rilevanti għall-valutazzjoni tal-proposti ta’ elenkar. Il-kriterji għall-elenkar jiggarrantixxu sforzi ta’ konservazzjoni sinifikanti fil-qafas tal-Konvenzjoni CITES. Jekk dawn jiġu injorati, tiġi pperikolata l-effiċjenza tal-Konvenzjoni u tiddgħajjed il-kredibbiltà tagħha. Barra minn hekk, il-ġestjoni b’suċċess ta’ speċi u sforzi mill-pajjiżi rispettivi li jirriżultaw f’titjib sinifikanti tal-istatus ta’ konservazzjoni għandhom jiġu rikonoxxuti.

Barra minn hekk, il-proċeduri interni tagħna tal-UE, bħall-mekkaniżmi ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet li normalment jintużaw għall-formulazzjoni ta’ pożizzjoni komuni tal-UE, għandhom jiġu rispettati.”

DIKJARAZZJONI MINN FRANZA U L-LUSSEMBURGU

“Sabiex jitrawwem il-ħolqien ta’ kompromess Ewropew, Franza u l-Lussemburgu aċċettaw l-abbozz ta’ Deċiżjoni tal-Presidenza rigward is-CITES CoP18. Madankollu, jiddispjaċina li ma kienx possibbli għall-Unjoni Ewropea li tadotta pożizzjoni aktar ambizzjuża fir-rigward tal-iljunfanti tan-nofsinhar tal-Afrika. Fl-2016 Franza saret l-ewwel Stat Ewropew li qiegħed restrizzjonijiet fuq l-avorju tal-iljunfanti fis-suq domestiku tagħha, bil-Lussemburgu jsegwi fl-2018. Franza u l-Lussemburgu jixtiequ, flimkien mal-imsieħba fl-Afrikan Elephant Coalition, jippromwovu miżuri bħal dawn kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f’dak internazzjonali.”